**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR ELAINE RIZZO LL.D**

**Kaz Nru.: 3363/24**

**IL-PULIZIJA**

**kontra**

**MOHAMAD AL KANAAN TAREK**

**Illum, l-4 ta' Mejju 2024**

**IL-QORTI,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Mohamad Al Kanaan Tarek**, ta' ħamsa u għoxrin (25) sena, ta' nazzjonalita' Sirjana, iben Mohamad u Ghazia, imwieled nhar l-ewwel (1) ta' April tas-sena elf disa' mija disgħa u disgħin (1999) ġewwa Al Qnitra, residenti ġewwa l-Ħal Far *Open*

*Centre*, Malta u detentur tan-numru tal-pulizija ta' Malta 23I-023, permezz ta' liema ġie akkużat talli:

1. Fit- 3 ta` Mejju 2024 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil fil-passaport jew uża jew kellhu fil-pussess tiegħu xi passaport li hu kien jaf li ġie iffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih (Kap 61, Art. 5 tal-Liġijiet ta' Malta);
2. Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Art. 189 tal-Liġijiet ta' Malta)
3. Matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Art. 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta)

Semgħet ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebieti;

Rat li l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata l-possibilita' jirtira l-istess u dan wara li din il-Qorti spjegatlu bl-iktar mod solenni l-konsegwenti ta' din l-ammissjoni u l-massimu tal-piena applikabbli għar-reati li bihom ġie akkużat, kif ukoll wara li ngħata biżżejjed żmien sabiex jirrikunsidra l-istess ammissjoni u jerggħa jikkonsulta mal-avukat tiegħu;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena li għandha tiġi erogata fejn il-prosekuzzjoni insistiet li l-piena applikabbli għandha tkun dik ta' priġunderija effettiva madanakollu ż-żewġ partijiet qablu li l-piena għandu tkun iktar viċin il-minimu. L-abbli avukat difesur spjegat li dan għandu jkun il-każ fid-dawl tal-ammissjoni bikrija tal-imputat kif ukoll il-fedina penali tiegħu.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tal-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

In kwantu ghall-piena li ghandha tigi inflitta, din il-Qorti, wara li rat il-ġurisprudenza tal-Qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali rigward iċ-ċirkostanzi u n-natura tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-qua imputat fejn ġie tenut li dawn ir-reati huma tali li jimpinġu fuq is-sigurta' nazzjonali, hija tal-fehma li l-piena ta' priġunerija effettiva tkun dik l-iktar idoneja fil-każ odjern. Madanakollu wara li din il-Qorti ħadet kont ukoll tal-ammissjoni bikrija tal-imputat li saret fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri odjerni, il-kooperazzjoni tiegħu mal-pulizija fl-istadju tal-investigazzjonijiet kif ukoll il-fedina penali tal-imputat li hija waħda netta, hija tal-fehma li l-piena għandha tkun waħda viċin il-minimu.

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-

Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tiegħu stess, qed issib lill-qua imputat, **Mohamad Al Kanaan Tarek, ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qed tikkundannah għal piena ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' tminn xhur.**

A tenur tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti qed tordna ukoll il-konfiska tal-*corpus delicti*.

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Christine Farrugia

**Deputat Reġistratur**